**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tat-18 ta' Jannar 2016

Appell Nru: 410/2014

Il-Pulizija

(Spettur Luke Bonello)

vs

Josef Xerri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-imsemmi Josef Xerri detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 460594M talli nhar id-29 ta' Settembru 2012 ghal habta tas-siegha ta' filghodu, gewwa San Giljan: 1) Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; 2) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hekk ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond

il-ligi mill-awtorita' kompetenti; 3) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Pc817 Gareth D'Amato sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara; 4) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; 5) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallihx jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru billi ma halliex lill-haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun; 6)Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' *probation* jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata hekk kif moghtija nhar is-7 ta' Settembru 2011 mill-Magistrat Dr M. Farrugia liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel; u 7) aktar talli fl-istess data, hin u lok, ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale nhar id-9 ta' Frar 2012, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel. Il-Qorti intalbet li f'kaz ta' htija tikkunisdra lill-hati bhala recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Ottubru, 2014, li permezz taghha wara sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha ikkundannatu ghall-perjodu komplessiv ta' disa xhur prigunerija (li fih hemm kompriza il-piena ghall-ksur tas-sentenza sospiza);

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Josef Xerri, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-17 ta' Ottubru, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija, izda taghti piena aktar ekwa u gusta.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant Josef Xerri.

Ikkunsidrat illi l-appellant interpona dan l-appell limitatament dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghaliex hu tal-fehma li piena alternattiva ghal dik karcerarja kienet tkun aktar idonea.

Ikkunsidrat:

Illi fl-1 t'Ottubru 2012, l-appellant kien tresssaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex iwiegeb ghall-akkuzi mertu ta' dan l-appell. Fit-tieni seduta tal-kumpilazzjoni huwa ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u l-Qorti ghaddiet sabiex tiddikjara li *prima faciae* kien hemm bizzejjed ragunijiet sabiex jitqieghed taht att ta' akkuza. Fis-seduta ta' wara, l-appellant ddikjara li ma kellux oggezzjoni li jaghmel xoghol fil-komunita' u kien nominat ufficcjal tal-probation sabiex jirraporta dwar l-idoneita' o meno tal-appellant ghal xoghol fil-komunita'. Rapport tal-istess ufficcjal jkkonkluda li l-appellant ma kienx kandidat idoneju ghall-servizz fil-komunita peress li ma wera ebda motivazzjoni u prattikament ma jinteressah li jaghmel xejn oltre li kien irrizulta posittiv ghall-uzu tal-kokaina u cannabis. Fis-7 t'Ottubru 2014, inghata s-sentenza mertu ta' dan l-appell fejn l-Ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjoni dwar il-piena: *Jirrizulta minn rapport tal-ufficcjal tal-probation appositament nominat li l-imputat mhux idoneju ghal xoghol fil-komunita' b'daqstant li hi l-fehma tal-Qorti fuq l-iskorta ta' dak ir-rapport li l-kwalita' ta' piena fic-cirkostanzi tal-kaz ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva stante wkoll r-recediva u l-ksur ta' sentenza sospiza u ta' sanzjoni kommunitarja. Wara li l-Qorti ikkonsidrat l-eta minuri tal-imputat fiz-zmien il-kommissjoni tar-rejati lilu addebitati (Art 37 tal-Kap 9) u l-konkors tar-reati (Artikolu 17 tac-citat Kap) flimkien mal-Artikoli l-ohra tal-ligi fuq citati tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu komplessiv ta' disa' xhur prigunerija (li fih hemm kompriza il-piena ghall-ksur tas-sentenza sospiza) wara li rat ukoll l-artikolu 18, 276,*

*28B tal-Kap 9*. B'hekk l-ammont ta' prigunerija ta' 9 xhur mertu tal-appell interpost jakkludi xahar prigunerija li kien sospiz ghall-erba snin u issa rez effettiv bis-sahha tal-artikolu 28B tal-Kap 9. L-appellant kien soggett ghall-piena ta' priguneria minn sitt xhur sa sentejn dwar artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, dak li jgorr l-akbar piena bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kap 9. Igifieri l-appellant inghata xahar aktar mill-minimu sancit fil-ligi;

Issa l-kwistjoni rivolta lejn din il-Qorti hi jekk l-appellant kellux jinghata piena aktar klementi minn hekk allura f'forma ta' piena diversa minn dik karcerarja anke in vista ta' ammisjoni bikrija. Jibda biex jinghad illi l-piena kominata ma tmurx 'l hinn mil-limiti stipulati fil-ligi u ma hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas minn dik fil-fatt moghtija. Kwantu ghall-argument dwar l-ammissjoni bikrija din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi – Qorti Kriminali 24.2.1997; Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri App Krim 5.7.2002; Pulizija vs Emmanuel Testa App Krim 17.7.2002 u Repubblika vs Edward Arthur Story – Qorti Krimiali 6.1.2016 u anke hawn jirrizulta li fil-kaz odjern l-Ewwel Qorti kienet sensittiva ghall-eta' tal-appellant, il-precedenti tieghu u d-direzzjoni li sejjer fiha. Irid jinghad ukoll illi mill-fedina penali aggornata tal-appellant, jemergi illi waqt li kienu pendenti l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, kien ikkundannat ghal-prigunerija ta' 18-il xahar fuq akkuzi simili ghal dawk in dizamina (sentenza tal-Qorti ta-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Frar 2014 dwar akkuzi kommessi fit-2 ta' Jannar 2014);

Din il-Qorti, konxja tal-aspetti kollha fl-ghazla tal-piena l-aktar idonea, temmen illi l-appellant inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu u ma jkomplix sejjer fid-direzzjoni li qabad u filwaqt illi tawgura illi matul hajtu jintebah illi dejjem hemm din il-possibilita, jehtieg li jinzamm ukoll dak il-bilanc tant importanti bejn l-opportunitajiet ta' riforma u s-sigurta' tas-socjeta' in generali. Fic-cirkostanzi odjerni, l-appellant ma jhalli ebda triq ohra hlief li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata u tawgura ukoll illi waqt li l-appellant ikun qed jiskonta l-perjodu ta' prigunerija jifhem li ghad hemm

opportunitajiet miftuha ghalih sabiex ifittex ghajnuna jekk verament irid isib it-triq it-tajba.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.